MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 911/2012

**Public Broadcasting Services Limited**

**Vs**

**John u Melanie konjugi Pace ezercenti l-kummerc bl-isem Tyson Butcher**

Permezz ta’ kawza prezentata fl-10 ta’ Settembru 2012 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta’ sebgha u erbghin elf u tlieta u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€47,073.87) bilanc minn somma ikbar ta’ valur ta’ servizzi ta’ reklamar, xandir, u servizzi ohra. L-attrici talbet ukoll li l-kawza tinstema’ bid-dispensa tas-smiegh. Talbet ukoll l-

ispejjez gudizzjarji u l-imghax mis-27 ta’ Frar 2012 sad-data tal-hlas.

Fis-seduta tal-lum gietipprezentata nota konguntiva tal-partijiet fejn jinghad li l-konvenuti qeghdin jammettu t-talbiet u talbu li l-qorti taghti sentenza ai termini tal-iskrittura ta’ transazzjoni datata 23 ta’ Ottubru 2012 annessa man-nota, fejn jinghad li:-

1. Il-konvenuti ddikjaraw li huma debituri tal-attrici fis-somma ta’ €47,073.87.
2. Id-debituri obbligaw ruhhom li jhallsu d-dejn permezz ta’ pagamenti ta’ tlett mitt ewro (€300) fil-gimgha, b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2013.
3. Id-debituri obbligaw ruhhom li jhallsu l-ispejjez tal-kawza u l-mandat ta’ sekwestru numru 1318/2012 u kontromandat numru 1362/2012 skond taxxa li tinhareg mir-Registratur tal-Qorti, fl-ammont ta’ €1,754.87.
4. F’kaz li d-debituri jkunu moruzi fi skadenza wahda jew ikunu insolventi, is-sentenza ssir ezegwibbli.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuha s-somma ta’ sebgha u erbghin elf u tlieta u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€47,073.87) taht il-pattijiet fuq imsemmija kif inkorporati fl-iskrittura ta’ transazzjoni fuq imsemmija, b’dan li s-sentenza ssir ezegwibbli fic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------